# Politika ta' Verifika tad-*Data* tar-Reġistrazzjoni

## Introduzzjoni

Din il-politika tiddeskrivi l-proċedura ta' verifika tagħna għad-*data* tar-reġistrazzjoni ta' isem ta' dominju u l-konsegwenzi possibbli tagħha fuq l-istatus tal-isem/ismijiet ta' dominju li huma marbuta magħha (minn hawn 'il quddiem il-"Politika").
Din ġejja mill-obbligi legali biex jiġi żgurat li l-bażi tad-*data* tar-reġistrazzjoni tagħna jkun fiha informazzjoni preċiża u kompleta. Ir-reġistrazzjoni jew it-tiġdid ta' isem ta' dominju .eu, .ею jew .ευ jistgħu jintalbu minn kwalunkwe persuna fiżika jew entità ġuridika li jikkonformaw mat-Termini u l-Kundizzjonijiet tagħna (inklużi l-kriterji tal-eliġibbiltà tagħna) u dan jista' jsir biss permezz ta' reġistratur akkreditat. Bħala reġistru, aħna (jew il-"EURid") niġbru d-*data* tar-reġistrazzjoni tad-detenturi tal-isem ta' dominju permezz tan-network tagħna ta' reġistraturi akkreditati f'konformità mar-regoli applikabbli.

## Verifika tad-*data* tar-reġistrazzjoni tal-isem ta' dominju

Skont il-Ftehim tar-Reġistratur Akkreditat tagħna, ir-reġistraturi għandhom jipprovdulna *data* tar-reġistrazzjoni kompleta u preċiża u aħna nirriżervaw id-dritt li nwettqu verifiki tad-*data* kif imsemmi fit-Termini u l-Kundizzjonijiet tagħna.
Id-*data* tar-reġistrazzjoni ta' reġistrazzjonijiet ta' ismijiet ta' dominji ġodda jew eżistenti trid tkun preċiża u kompleta u jaf tkun suġġetta għal verifika mill-EURid fi kwalunkwe mument. Tali verifika tad-*data* tista' sseħħ jew qabel u/jew wara li l-isem ta' dominju jiġi ddelegat u jkun qed jiffunzjona.
Meta tinbeda proċedura ta' verifika tad-*data* mill-EURid, id-detentur tal-isem ta' dominju jirċievi notifika fl-indirizz elettroniku li jintuża għar-reġistrazzjoni tal-isem/ismijiet ta' dominju, li titolbu jivverifika d-*data* tar-reġistrazzjoni tiegħu billi jidħol fil-portal tal-EURid "my.eurid.eu".
Isem ta' dominju li jkun għadu kif ġie rreġistrat u li jkun suġġett għall-verifika tad-*data* ma jiġix iddelegat u jkun inattiv sakemm il-verifika tirnexxi. Hekk kif il-verifika tad-*data* titlesta b'suċċess, l-isem tad-dominju jiġi ddelegat u jsir attiv. F'każ li verifika tad-*data* ma tirnexxix, l-isem tad-dominju rispettiv jibqa' inattiv u jiġi skedat għal revoka.
F'każ li verifika tad-*data* ma tirnexxix għal isem ta' dominju eżistenti, l-isem ta' dominju rispettiv jiġi sospiż u skedat għal revoka. Isem ta' dominju sospiż jibqa' rreġistrat iżda jkun temporanjament inattiv. Servizzi marbuta ma' dak l-isem ta' dominju, bħal sit web jew indirizzi elettroniku, ma jibqgħux jiffunzjonaw.
Fi kwalunkwe mument, id-detentur tal-isem ta' dominju jista' jidħol fil-portal tal-EURid my.eurid.eu biex jevalwa d-*data* tar-reġistrazzjoni tiegħu u l-istatus tal-isem/ismijiet tad-dominju tiegħu. Jekk id-*data* tar-reġistrazzjoni jeħtieġ li tiġi korretta, id-detentur tal-isem ta' dominju jeħtieġlu jagħmel dan permezz tar-reġistratur tiegħu.

## L-ebda trasferiment ta' isem ta' dominju sospiż lil reġistratur ieħor

F'każ li verifika tad-*data* ma tirnexxix, l-isem/ismijiet tad-dominju marbuta jiġu sospiżi u t-trasferiment għal reġistratur ieħor jiġi pprojbit, ħlief fil-każ ta':

- implimentazzjoni ta' deċiżjoni ADR jew ta' digriet finali tal-qorti; jew
- terminazzjoni tal-Ftehim tar-Reġistratur Akkreditat tar-reġistratur li jiġġestixxi l-isem tad-dominju .eu inkwistjoni (l-Art. 8 tal-ARA).

**Awtoverifika**

Kwalunkwe detentur ta' isem ta' dominju jista' jivverifika d-*data* tar-reġistrazzjoni tiegħu fuq bażi volontarja billi jidħol fuq il-portal tal-EURid my.eurid.eu. Din l-awtoverifika tibbenefika lid-detentur tal-isem ta' dominju billi tipprevjeni verifika tad-*data* sussegwenti u r-riskju li jiġu sospiżi l-isem/ismijiet tad-dominju assoċjat, sakemm ma tinqabadx attività malizzjuża.

**Eċċezzjoni għall-proċedura ta' verifika**

L-ismijiet ta' dominji li huma protetti b'*Servizz Registry Lock* huma esklużi mill-proċedura ta' verifika tad-*data* peress li l-attivazzjoni tas-Servizz Registry Lock teħtieġ verifika preliminari tad-*data*.

**Dikjarazzjoni ta' ċaħda ta' responsabbiltà**

Nistgħu nimmodifikaw din il-Politika fi kwalunkwe mument, f'liema każ il-Politika modifikata ssir effettiva mal-publikazzjoni fuq is-sit web pubbliku tagħna.
F'każ ta' diskrepanza bejn il-verżjonijiet lingwistiċi differenti ta' din il-Politika, għandha tipprevali l-verżjoni Ingliża.